MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 43/2001/1

**Avviz numru 43/2001DM**

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Norman Hamilton sija bil-polza u sija bil-ligi**

**Vs**

**Graziella Bencini**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuta sabiex thallas is-somma ta' tliet mija u hdax – il lira u tnejn u tletin centezmu (Lm311.32) jew ammont iehor verjuri li jigi likwidat minn dina l-Qorti, jekk hemm bzonn anke permezz ta periti nominandi, rapprezentanti

danni sofferti mill-konvenuta fl-incident awtomobilistiku tat-28 ta' Marzu 2000 fi Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke bejn il-vettura numru EAC 752 misjuqa mill-konvenuta u l-vettura numru NHT 003 misjuqa minnn Norman Grech u proprjeta' tal-assikurat Norman Hamilton, prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn li l-imsemmi incident gara b'tort unikament taghha minhabba traskuragini, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment kontra s-socjeta assikuratrici taghha, Lm6 ghall-konsult legali u Lm10 ghas-survey report, kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Graziella Bencini fejn eccepiet:

1 Qabel xejn is-socjeta attrici ghandha taghmel il-prova tas-surroga msemmija fl-Avviz;
2 Fil-mertu t–talbiet tas-socjeta attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha peress illi l-incident in kwistjoni gara unikament tort tas-sewwieq l-iehor Norman Grech minhabba traskuragni, mperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, u addirittura qabad u telaq minn fuq il-post ta' l-incident.
3 Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuta Graziella Bencini fejn eccepiet illi:-

1 Preliminarjament ukoll in-nullita ta' l-Avviz peress illi s-socjeta' attrici mhijiex il-legittima kontradittrici;
2 Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-digriet tal-10 t'Ottubru 2001 fejn giet awtorizzata l-korrezzjoni fl-okkju u fejn konsegwentement il-konvenuta irtirat l-eccezzjonijiet ulterjuri taghha.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Jannar 2002 fejn il-konvenuta ddikjarat li mhix qedgha tikkontesta l-quantum tad-danni izda biss ir-responsabbilta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi z-zewg sewwieqa jaqblu dwar ic-cirkostanzi u d-dettalji kollha li jirrigwardaw il-kollizzjoni bejn il-vetturi taghhom hlief fuq cirkostanza wahda li tirrigwarda  l-posizzjoni tal-vetturi.

Infatti jaqblu li l-kollizzjoni grat meta l-vettura misjuqa minn Norman Grech kienet qed tissorpassa dik misjuqa mill-konvenuta u illi, waqt din il-manuvra ta’ sorpass, il-konvenuta daret lejn il-lemin taghha,  bl-indikator mixghula, u habtet mal-vettura misjuqa minn Norman Grech.

Fejn ma jaqblux huwa dwar il-posizzjoni ezatta fil-karreggjati fejn grat din il-kollizzjoni.

Fil-waqt illi s-sewwieq tal-vettura assigurata mal-atturi jiddikjara illi hu kien qieghed qed isuq ghal l-affari tieghu fuq il-karreggjata tan-naha tal-lemin waqt illi l-konvenuta kienet qed isuq fuq il-kareggjata tan-naha tax-xellug, u waqt illi huwa kien qieghed jissorpassa lill-vettura tal-konvenuta, din daret lejn il-lemin taghha biex invadiet il-karreggjata tieghu, l-konvenuta sosstni li effettivament kienet hi li kienet qedgha ssuq fuq il-karreggjata tal-lemin u kienet qedgha taghmel manuvra biex taqsam il-karreggjata destinata ghat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta, meta gie minn warajha Norman Grech, u pprova jissorpassa billi ghada fil-karreggjata destinata ghat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta u habat maghha.

Evidentement jekk wiehed jaccetta l-verzjoni moghtija mill-konvenuta, allura din tkun ezenti minn kull responsabbilta’ billi bl-‘indicator’ mixghula, fuq il-karreggjata tal-lemin u digia qedgha taghmel manuvra biex tinvadi l-karreggjata destinata ghat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta, ma kellex tistenna vettura gejja minn warajha biex tissorpassaha minn fuq il-lemin taghha meta l-karreggjata fuq ix-xellug kienet disponibbli ghal dik il-vettura

Izda jekk wiehed kellu jaccetta l-verzjoni moghtija minn Norman Grech li jindika illi l-konvenuta qalbet minn il-karreggjata tax-xellug ghan-naha tal-lemin minghajr ma esplorat sew il-karreggjata li kienet ser tinvadi, allura r-responsabbilta’ tkun esklussivament dik tal-konvenuta.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-unika xhud okkulari dwar dan l-incident hija Rita Cachia li kienet passiggiera fil-vettura misjuqa minn Norman Grech.

Din ix-xhud ghalkemm fil-bidu tad-deposizzjoni taghha tistqarr illi Norman Grech kien qed isuq fuq il-karreggjata tal-lemin, u illi l-konvenuta kienet qedgha ssuq fuq il-karreggjata tax-xellug, tistqarr ukoll li f’ebda mument ma rat il-vettura misjuqa mill-konvenuta u li ma kinetx qedgha tant attenta ghat-traffiku li setgha kien hemm fit-triq.

Ghalhekk il-Qorti thoss li ma tistghax tistrieh fuq din id-deposizzjoni sabiex tista’ taccetta verzjoni wahda u mhux l-ohra.

Infatti n-nuqqas ta’ prova determinanti biex tindika l-posizzjoni tal-vetturi wara l-habta, konsistenti fl-isketch maghmul mill-Ufficjal tal-Pulizija li setgha jinvestiga l-kaz, huwa dovut esklussivament ghal agir tal-istess Norman Grech illi wara l-habta ma halliex il-vettura tieghu fuq il-post u b’hekk ma setghax jsir l-isketch tal-Ufficjal tal-Pulizija li setgha jkun f’posizzjoni li jikkonstata personalment u vizwalment il-posizzjoni tal-vetturi. Din

kienet tkun indikazzjoni determinanti dwar ir-responsabbilta’ ghal din il-kollizjoni.

Ghaldaqstant issib illi l-provi prodotti mill-atturi m’humiex sufficjenti biex iwasslu ghal xi responsabbilta’ da parti tal-konvenuta, u ghaldaqstant qedgha tichad it-talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------